**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 24 – IT-TLIETA, 22 TA’ APRIL 2014 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier (6.05pm) |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 23**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li joħorġu mill-minuti**

2.1 Ġie innutat li ntbagħtu l-ittri legali lir-Reġjun Ċentrali u t-Tramuntana minħabba pagamenti pendenti minnhom lejn il-Kunsill. Ġie deċiż li tittieħed deċiżjoni aktar tard jekk il-Kunsill għandux jiftaħ kawża.

**3 Pagamenti Numru 22**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġew mistednin rappreżentanti tal-Kunsill għal-laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi rigward il-proġett ta’ Ġnien Karin Grech nhar il-

Ġimgħa, 25 ta’ April 2014. Ġie deċiż li jattendu s-Sindku u l-Kunsilliera Joan Farrugia u Trevor Fenech

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata talba biex il-Kunsill jissanzjona taraġ li nbena fuq il-bankina fi Triq Gjaċinti kantuniera ma’ Triq il-Mensija. It-talba saret mill-Perit tal-Iżviluppatur, fejn ippropona li jwessa l-bankina. Is-Sindku ppropona li tiġi aċċettata din it-talba. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 2 favur u 3 kontra.

Is-Sur Malcolm Abdilla daħal għal-laqgħa fis-6.05pm.

5.2 Ġiet innutata korrispondenza mir-Reġjun Ċentrali. Ġejna nfurmati li kien hemm surplus fil-fondi u l-Kunsill ta’ San Ġwann għandu jipproponi proġett fejn jiġi ffinanzjat minn dan is-surplus. L-ammont m’għandux jaqbeż l-20,000 Ewro. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li parti minn dawn il-fondi jintużaw biex isir manutenzjoni u tiswijiet fl-uffiċċini tal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx ma dan minħabba li l-Kunsill għadu qed jistenna r-riżultat tal-inkjesta kif ukoll l-pożizzjoni tal-Gvern fuq l-uffiċċini tal-Kunsill proposti fil-proġett ta’ Ġnien Karin Grech. Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu proposti l-proġett tal-Ġnien ġewwa Triq R Caruana Dingli u bankini ġodda fi Triq il-Mensija. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

5.3 Inqrat ittra minn resident minn Triq il-Baltiku, rigward sewqan b’velocità eċċessiva. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lil TM rigward din il-problema u ninfurmaw lir-resident b’dan.

5.4 Ġiet innutata acknowledgement mill-MEPA rigward l-ittra mill-Kunsill fuq l-użu tal-UIF.

5.5 Kien hemm no objection għal talba mill-Kumpanija JUGS Malta biex van tal-ħaxix jissebixxi prodotti agrikoli użat minn Mc Donalds.

5.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għandu informazzjoni li nstabu bozoz tal-Enemalta mwaħħlin f’lampi responsabbli minnhom il-Kunsill. Is-Sindku għandu jkompli jinvestiga dan il-każ.

## 6 Affarjiet oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex issir modifikazzjoni żgħira fil-bankina ta’ Triq il-Ġiżi biex ikollha aċċess aħjar l-anzjan f’din it-triq. Kien hemm qbil. Sar qbil ukoll biex terġa’ ssir il-mera fi Triq il-Baltiku, titneħħa siġra minn Misraħ il-Ward u tinbidel parking bay fi Triq il-Ħida għal 3 MC bays. Kien hemm diskussjoni wkoll fuq bankina fi Triq Birkirkara, fejn resident talab biex tinbidel il-bankina biex ikollu aċċess aħjar. Ġiet innutata li din il-bankina ilha dan il-livell għal żmien twil ħafna. Ġie deċiż li ma tinbidilx, imma tingħata permess lil dan ir-resident biex ibidillha hu bi speċifikazzjonijiet tagħna. Kien hemm diskussjoni wkoll rigward Sqaq Qasbi. Ġie kkunsidrat biex dan is-sqaq isir One Way jew ma jithallewx trukkijiet jidħlu. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lil TM għad-direzzjoni tagħhom. Is-Sur Dominic Cassar innota wkoll li kien hemm talba biex titkompla l-bankina fi Triq ir-Rundun u hemm bżonn isir resurfacing ta’ Triq Birkirkara.

6.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet programm għal Jum San Gwann. Kien hemm qbil li l-Mertu San Ġwann għandu jingħata lit-Tabib Miguel de Bono u l-ex-player tal-biljards Pawlu Mifsud. Il-program ta’ Jum San Ġwann ġie deċiż hekk fi ġej: 1 ta’ Ġunju - Wirja ta’ karozzi, 7 ta’ Ġunju - Kxif tal-plakka kommemmorattiva Ġnien San Ġorġ Preca, 15 ta’ Ġunju - Wirja ta’ Mudelli u inawgurazzjoni ta’ Ġnien fi Triq R Caruana Dingli, 22 ta’ Ġunju - Tberik tal-

pets u żwiemel, 23 ta' Gunju - Quddiesa, Parata, Huġġieġa u Mertu San Ġwann.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa fis-7.10pm.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex isir double yellow line fi Triq Ġużè Azzopardi minħabba problema ta' aċċess minn garage ta' resident. Kien hemm qbil.

6.4 Is-Sur Malcolm Abdilla staqsa jekk kienx hemm risposta mir-reġjun rigward it-talba għal camera fi Vjal ir-Riħan. Għandu jintbagħat reminder fuq din.

6.5 Is-Sur Miguel Galea Sillato informa lill-Kunsill li l-Kunsill taż-Żgħażagħ jista' jiltaqa' mal-Kunsill nhar ta' Tnejn. Huma jattendu meta nerġgħu nibdew niltaqgħu nhar ta' Tnejn.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.25pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 6 ta' Mejju 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |